MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta tat-8 ta' Dicembru, 2014

Numru. 1212/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Elton Taliana)**

**Vs**

**Abdinasir Noor Kinaan**

**Il-Qorti**;

Rat li l-imputat **Abdinasir Noor Kinaan** ta’ 17-il sena, iben Abdinasir u Hather, imwieled Somalia fil-15 t’Awwissu 1996 u residenti gewwa ic-Centru miftuh tal-Marsa, detentur tal-

karta ta` l-identita` numru 82501(A) gie akkuzat talli nhar is-7 ta' Dicembru 2014 ghall-habta tal-05.15Hrs f' San Giljan u fil-vicinanzi :

1. *Ikkometta serq ta' mobile phone tal-ghamla Samsung ghad-dannu ta' Mohamed Ali Habboubi liema serq kien izjed minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (232.94 Euros) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu(2,329.37 Euros), liema serq huwa ikkwalifikat bil-'valur' u bil-'hin';*

*Aktar talli kkommetta reat waqt li kien taht sentenza sospiza, liema sentenza inghatat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr. S.Demicoli LL.D nhar id- 19 t' Awwissu 2013 (u li regghet bdiet mit-12 ta' Marzu 2014), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.*

*Il-Qorti hija mitluba li titratta lill-imputat bhala recediv ai termini ta' l-artikolu 49 u 50 tal-kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali, meta huwa kien gie misjub hati w ikkundannat ghall-reati, b'sentenzi ta' Qrati Maltin, liema sentenzi saru defenittivi.*

Rat il-verbali tal-udjenza ta` llum stess 8 ta` Dicembru 2014;

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat anki wara li inghata z-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Rat l-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-Prosekuzzjoni kif wkoll tad-difensur in tema ta’ piena.

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew l-istqarrija tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu jinsabu sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tghaddi biex tiddikjarah hati taghhom u taghti s-sentenza.

**Ikkunsidrat**;

Illi ghal dak li jirrigwarda l-piena, l-Qorti qieset il-fedina penali ta` l-imputat u s-sentenza esebita; dawn juru li l-imputat gia habat difru mal-gustizzja, u jidher li ftit li xejn fehem li l-opportunitajiet li inghataw mill-Qrati kienu hemm ghall-beneficcju tieghu u mhux biex jigu abbuzati. Wara li l-imputat inghata piena ta` prigunerija effettiva u piena ta` prigunerija sospiza, bil-fatt li ngieb biex jirrispondi ghall-imputazzjoni ta` serq kif dedotta kontra tieghu f’dawn l-atti, jidher car li l-imputat baqa jippersisti fil-hajja refrattarja tieghu tant li waqt il-perjodu operattiv ta` sentenza sospiza, u wara li kien inghata terminu ta` prigunerija effettiva, xorta wahda involva ruhu fis-serqa li sehhet il-bierah s-7 ta` Dicembru 2010 gewwa San Giljan.

**Huwa l-imputat stess li rabat idejn dina l-Qorti u huwa l-imputat stess u wahdu li iddetermina s-sentenza li jisthoqqlu jiehu fit-termini ta` dawn il-proceduri**.

**Konkluzjoni**;

**GHAL DAWN IL-MOTIVI L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 17, 28A, 28B, 31, 49, 50, 261(c)(f), 267, 270, 279, u 280 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta, **issib lill-imputat Abdinasir Noor Kinaan :-**

i. **hati, bhala recidiv, fir-reat tas-serq kif migjub fl-ewwel imputazzjoni;**

**U tikkundanna lil Abdinasir Noor Kinaan :-**

a. **dwar l-ewwel imputazzjoni (bhala recidiv fis-serq) - ghal disa (9) xhur prigunerija;**
b. **tordna li l-piena ta` sentejn prigunerija (imposta u estiza b'zewg sentenzi li huma rispettivament tad-19.08.2013 u tas-16.06.2014) tidhol fis-sehh immedjatament;**

**komplessivament (dawn kollha jammontaw) ghal sentejn u disa xhur prigunerija (33 xahar).**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------